fil-mewt libes l-abitu tal-Franġiskani, u martu, ir-Reġina SANĊJA, daħlet Klarissa.

U nistgħu nissuktaw hekk b'din il-ġebbieda ta' Prinċpijiet Franġiskani kollha qraba ta' San Lwiġi IX, Re ta' Franza: San Ferdinandu, kuġinuh u Re ta' Kastilja; Santa EDWIGE ta' Slesja; Santa ELIŻABETTA ta' l-Ungerija; Santa ELIŻABETTA l-oħra tal-Portugall; Sant ANJEŻE tal-Bohemja, u Kunegunda u Jolanda, u Margerita ta' l-Ungerija, u Salomea, u oħrajn, li trid il-moħħ biex tiftakarhom: kollha qraba tal-Qaddis Re Luiġi IX

Din il-familja ta' Prinċpijiet ħafna minnhom qaddisin u hekk Franġiskani fil-familja u fil-qraba ta' San Lwiġi IX, hi l-aqwa prova li huwa nnifsu mhux anqas minn qrabatu, kien jappartjeni għal dak it-Tielet Ordni, li f'dak iż-żmien u wara wkoll u dejjem, u llum ukoll, hu l-ORDNI RELIĠJUŻ ta' qishom il-Prinċpijiet kollha ta' l-Ewropa.

P. N. M.

# IS-SANTWARJU TA' EMMAUS

## VII

Fil-jum ṭat-Tnejn tal-ġimgħa ta' fuq il-Għid, Ommna l-Knisja Mqaddsa tmur issemmalna fil-quddiesa dik il-ġrajja li tinsab imħażża fil-Vanġelu ta' San Luqa (XXIV, 13-35). Hija ġrajja tassew sabiħa, li tiġbor fiha tagħlim tassew kbir. Aħna m'għandniex il-kuraġġ u nibżgħu nqassruha, għax żgur li nitilfulha dik il-ħlewwa u dik is-sengħa li San Luqa, ta' psikologu li kien, għaraf jagħtina. Għalhekk, għalkemm twila, se nġibuha kelma b'kelma.

"Tnejn mid-dixxipli ta' Ġesù — jikteb San Luqa — dak in-nhar kienu sejrin lejn raħal jismu Emmaus, li kien bgħid minn Ġerusalem sittin stadju u kienu jitħadtu bejniethom fuq dawn il-ġrajja kollha. U kif kienu jitħadtu u jistħarrġu, resaq lejhom Ġesù u beda miexi magħhom; imma għajnejhom kienu miżmumin li ma jagħarfuhx. U qallhom: "Fuqhiex qegħdin titħadtu bejnietkom intom u mexjin, u qalbkom sewda?"

Wieġeb wieħed minnhom, li kien jismu Klejofa, u qallu: "Int waħdek barrani f'Ġerusalem, u ma tafx x'ġara fiha f'dawn il-jiem?" Qallhom: "X'inhu?" Weġbuh: "Fuq Ġesù ta' Nazaret li kien profeta, setgħan fil-għamil u fil-kliem quddiem Alla u l-poplu kollu; u kif il-qassisin il-kbar tagħna u l-kbarat tagħna qatgħuhielu għall-mewt u sallbuh. Aħna konna nittamaw li hu kien sa jeħles 'il Iżrael; imma wara dan kollu, ilu tlitt ijiem li sar dan kollu! Imma xi nisa

minn tagħna għaġġbuna, għax marru kmieni ħdejn il-qabar u meta ma sabux il-ġisem tiegħu, ġew igħidu li kienu raw dehra ta' l-anġli; li jgħidu li hu ħaj. U marru wkoll xi wħud minn tagħna ħdejn il-qabar u sabu kif kienu qalu n-nisa, imma lilu ma rawħx."

Imbagħad qallhom: "Ja nies bla moħħ u tqal biex temmnu kull ma qalu l-profeti! Ma kellux il-Messija jbati dan kollu biex jidħol fis-sebħ tiegħu?" U beda minn Mosè u l-profeti kollha u fissrilhom dak kollu li fil-kotba kollha kien fuqu. U waslu fir-raħal fejn kienu sejrn; iżda huwa għamel ta' bir-ruħu li sejjer aktar fil-bogħod. Imma huma ġagħluh u qalulu: "Ibqa' magħna, għax dalwaqt isir fil-għaxija u l-jum beda nieżel." U daħal biex joqgħod magħhom.

X'ħin kien fuq il-mejda magħhom, qabad il-ħobż, bierku, qasmu u tahom. Imbagħad infetħu għajnejhom u għarfuh; imma hu għab minn quddiemhom. U qalu wieħed lill-ieħor: "Ma kenitx qalbna mixgħula fina, hu u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-kotba?" U qamu dak il-ħin u reġgħu lura lejn Ġerusalem u sabu miġmugħin il-ħdax u 'l sħabhom, li qalulhom: "Tassew qam il-Mulej u deher lil Xmun." U huma qabdu jirrakkuntaw dak li ġralhom fit-triq, u kif għarfuh fi qsim il-ħobż."

Din hi l-istorja li aħna nsibu miktuba fil-Vanġelu ta' San Luqa. Fuq din l-istorja nistgħu nagħmlu mitt elf kumment. Nistgħu ngħidu li ż-żewġ dixxipli kien jisimhom Klejofa u Xmuni, it-tieni Isqof ta' Ġerusalem u iben Klejofa; nistgħu ngħidu li dawn iż-żewġ dixxipli kellhom tant qalbhom maqtugħa minħabba dak li ġara, li telqu bilġri lejn Emmaus fejn kienu jgħammru għax beżgħu mill-qilla tal-Lhud, u għax ħasbu li kienu qlajjiet mhux ta' min jemminhom il-għajdut tan-nies li qalu li sabu l-qabar vojt; li kienu diġà telqu minn Ġerusalem meta l-Maddalena ħabbret li rat lil Ġesù. Aħna ma rridux infissru testwalment il-kliem tal-Vanġelu, imma rridu nieqfu, kif għamilna fl-istejjer tas-Santwarji li s'issa ħażżiżna, fuq ir-raħal jew belt li fil-Vanġelu jiġi mogħti l-isem ta' EMMAUS. Minn żmien il-Kroċjati erba' kienu l-postijiet li, biex ngħidu hekk, xtaqu jiżżejnu b'dan l-isem ta' Emmaus. Il-lum wara kritika ħarxa ta' storja u arkeoloġija, in-numru ta' erba' naqas u sar tnejn: Emmaus - Nicopolis, Emmaus - el - Qubeibeh. Min minnhom hija l-Emmaus tal-Vanġelu.

## EMMAUS - NICOPOLIS

Dan hu raħal li jinsab fil-witgħa ta' Saron. F'dan ir-raħal fis-sena 166 Q.K. Ġuda l-Makkabew kiseb rebħa kbira fuq Ġorgias, ġeneral ta' l-eżerċtu ta' Antijoku Epifane (I Makk. IV, 1 s.). Xi ftit snin wara Bakkide ħataf il-belt minn idejn il-Lhud, qawwiha u saħħaħha bis-sħiħ biex tkun "xewka fi ħdan Iżrael" (I Makk. IX, 51). Meta l-Ġeneral Ruman Voro resaq lejn il-belt u sabha vojta għax il-poplu kien ħarab, ġiegħel lis-suldati tiegħu jaħarquha. Għalkemm maħruqa, hija żammet l-importanza kollha tagħha bħala art strateġika, għax fi żmien Ġesù nsibuha bħala waħda mit-toparkiji li fihom kienet maqsuma l-Palestina.

F'xi żmien dan ir-raħal ġie msejjaħ NICOPOLIS. Minn min? Ewsebju jżomm li l-isem ta' Nicopolis ġie mogħti minn Eliogabalo meta ta s-setgħa lill-Ġeneral tiegħu Ġulju l-Afrikan fis-sena 222 biex isejjaħ lil Emmaus tal-witgħa ta' Saron bl-isem ta' Nicopolis li tfisser **'Ir-rebbieħa',** għax kien kiseb rebħa kbira fuq il-poplu

Lhudi. Xi kittieba ekkleżjastiċi, bħal Oriġene, Ewsebju, Sozomeno, minħabba xi raġunijiet li nfissru aktar 'il quddiem, ma għarfux ħlief din Emmaus, li kienet tiġi xi 160 stadju 'l bogħod minn Ġerusalem, u għalhekk ħasbu li hija kienet il-belt imsemmija fl-Evanġelju ta' San Luqa.

## EMMAUS EL-QUBEIBEH

Dan hu raħal mitluf qalb il-għoljiet niexfa u maħruqa tal-Ġudea, u jinsab imbiegħed minn Ġerusalem xi 60 stadju. Naqraw f'Ġużeppi Flavju li meta l-Imperatur Vespasjanu rebaħ il-poplu Lhudi, għażel minn fost il-gwerriera magħżula tiegħu 800 suldat u tahom biċċa art kbira biex jaħdmuha f'post imsejjaħ Emmaus, imbiegħed minn Ġerusalem xi 60 stadju. Dan ir-raħal ġie meqrud mil-Lhud f'rewwixta li huma qanqlu kontra r-Rumani. Lil dan il-post Vespasjanu kien tah l-isem ta' Nicopolis. Biss meta ġiet meqruda din in-Nicopolis li Eliogabalu ppermetta li tiġi msejħa Nicopolis l-Emmaus l-oħra tal-witgħa ta' Saron. Għalhekk il-kittieba li semmejna ma għarfux ħlief Emmaus waħda, u din kienet dik li ġiet imsemmija hekk minn Ġulju l-Afrikan.

Issa rridu nuru li hija din l-Emmaws ir-raħal li minnu jitkellem San Luqa fil-Vanġelu tiegħu. Nibdew mill-istess kliem li kiteb San Luqa fil-Vanġelu. Huwa jgħid li tnejn mid-dixxipli kienu sejrin lejn raħal jismu Emmaws, li kien bgħid minn Ġerusalem sittin stadju. Mela l-bgħid tal-post jaqbel perfettament ma' din Emmaus. Xi wħud iġibu d-diffikultà li xi manuskritti tal-Palestina għandhom miktub 160 stadju, u għalhekk il-bogħod aktar jaqbel ma' Emmaus Nicopolis. mma kif josservaw ħafna kommentaturi ta' l-Iskrittura, dawn il-manuskritti huma ftit, u x'aktarx li ġew korretti minn kittieba li, billi ma kinux jafu li kienet teżisti Emmaus oħra, ħasbu li kien hemm xi żball u korreġewh biex iqabbluh mal-bgħid ta' Emmaws Nicopolis.

Imma dawn il-kittieba ma ttendewx li ma setgħux jikkorreġu żball mingħajr ma jidħlu f'basla oħra.

San Luqa jgħidilna li kif Klejofa u Xmuni għarfu fil-mistieden tagħhom lil Ġesù, qamu dak il-ħin stess u reġgħu lura lejn Ġerusalem u sabu miġmugħin il-ħdax u 'l sħabhom, li qalulhom: "Tassew qam il-Mulej u deher lil Xmun." Issa kif setgħu dawn iż-żewġ dixxipli **f'jum wieħed** jimxu t-tul ta' 320 stadju (kważi erbgħin mil). U ma insewx li kif sabu rwieħhom f'Ġerusalem, ma ltaqgħux ħabta u sabta ma' l-Appostli li kienu miġburin f'dar bil-bibien kollha magħluqa minħabba l-biża' tal-Lhud (Ġwan 20, 19) u ħadd ma kien jaf fejn huma għax kien għadu ħadd ma rahom.

Il-lum ħafna kommentaturi moderni, bħal Lagrange u P. Vaccari jżommu li l-qari ta' 60 stadju għandu jiġi miżmum f'ġieh ir-reguli tal-kritika testwali.

Ma' dawn l-argumenti, irridu nżidu t-tradizzjoni kroċjata. Meta l-Kroċjati għaddew minn Lidda għal Ġerusalem iltaqgħu ma' għajn ta' ilma safi u bnin, li mill-Għarab kienet tissejjaħ Ain Agiab, li jfissru l-Għajn tal-Għaġeb, kif ukoll ma' fdal ta' santwarju mwaqqa'. Franġisku Soriano (1541) igħid li huwa ltaqa' ma' raħal li kien f'idejn il-Għarab li ma kienx jissejjaħ Emmaus, imma Qubeibeh. U dan hu minnu, għax malmixi tal-popli minn post għal ieħor, insibu wkoll ħafna taqlib ta' ismijiet ta' bliet u rħula.

## IL-FRANĠISKANI F'EMMAUS

Il-lum kulħadd jaf li l-qagħda tal-Franġiskani fil-Palestina kienet minn dejjem qagħda mwegħra minħabba l-ġlied u l-persekuzzjonijiet. Għalhekk m'għandniex insibuha bi kbira meta nisimgħu li xi Santwarju tal-Palestina ma setax jiġi milħuq kif imissu. Meta fil-21 ta' Frar 1852, erba' Patrijiet Franġiskani waslu f'Qubeibeh, huma sabu li f'dan ir-raħal kien ilu ma jmur Patri Franġiskan sa mis-sena 1686. Fl-1861, iċ-ċelebri Markiża Pawlina de Nicolay xtrat minn għand l-Għarab dik il-biċċa art li hija ħasbet li kienet id-dar ta' Klejofa u Xmuni, bniet daqsxejn ta' knisja, għamlet kunvent ċkejken u tat kollox lill-Patrijiet Franġiskani ta' l-Art Imqaddsa. Il-patrijiet komplew xtraw xi art oħra fil-qrib u wara tfittix li għamlu, sabu bejn l-1873-75 knisja kbira bi tliet navati mifrudin minn pilastri barra min-navata tan-naħa tax-xellug, li huma ħasbu li qiegħda mibnija fuq il-ħajt tad-dar ta' maġenbha. Imma, wara eżami bir-reqqa tal-materjal li minnu kienu mibnija n-navati u d-dar, il-perit Guillemont u oħrajn ndunaw li d-dar kienet antika ħafna u li tħalliet hemm biex tiġi mfakkra xi ħaġa għażiża. Fis-snin ta' wara nstab ukoll raħal ta' żmien il-Kroċjati.

## IS-SANTWARJU

Diġà semmejna l-fdal ta' knisja misjuba mill-Kroċjati u knisja oħra ċkejkna mibnija mill-Markiża de Nicolay. Din il-knisja ġiet maħtuta u minflokha mibnija oħra ġdida fuq disinn tal-W. R. P. Vendelino da Menden, O.F.M., li ta stil kważi Romanesk tas-seklu XI, kif jidher mill-faċċata tassew sabiħa b'dawk l-arki tat-twieqi, b'dak il-korniċjun kollu skultura u bil-kolonni tal-bieb ewlieni. Il-knisja fiha tliet navati, mifrudin minn xulxin b'pilastri; hija twila 34 m. u wiesa 22 m., imma n-navata tax-xellug tinqata' b'bini kwadru li, skond it-tradizzjoni, huwa l-fdal tad-dar ta' Klejofa li laqgħet lil Ġesù f'dak il-jum tal-qawmien tiegħu minn bejn l-imwiet.

Fuq il-bieb ewlieni hemm kwadru taċ-ċeramika li juri lil Ġesù mdawwar miż-żewġ dixxipli ta' Emmaus, opra sabiħa ta' D. Coltellini ta' Ghiusi. L-altar maġġur huwa ta' l-irħam u għad hemm fih l-irħama ta' l-altar antik impoġġija fuq kolonni u pilastri ta' ġebla ħamra tal post. Jidhru wkoll skolpiti fin-naħa ta' quddiem tliet statwi ta' Ġesù, ta' Klejofa u ta' San Xmun. Fuq l-altar hemm bassoriljev li juri lil Ġesù mdawwar miż-żewġ dixxipli filwaqt li qed jaqsam il-ħobż. Hemm ukoll pittura li turi l-istess xena magħmula minn A. Martinetti. Fis-Santwarju nsibu wkoll il-qabar tal-Markiża Pawlina de Nicolay. Fis-sena 1911 ġie mibni kampnar li fih erba' qniepen maħduma mid-ditta Taljana F. Colbacchini. Dan is-Santwarju ġie konsagrat mill-Kard. Ant. Ferrari fl-1902, meta kien għadu Arċisqof ta' Milan.

## KUNVENT U KULEĠĠ

Fis-sena 1906 madwar il-knisja ġie mibni kunvent tassew arjuż u sabiħ, u l-kunvent il-qadim ġie mibdul biex iservi bħala kulleġġ fejn jiġu edukati ż-żgħażagħ, Għarab u mhumiex, li, bħad-dixxipli ta' Emmaus, jixtiequ li jidhrilhom il-Mulej biex iħeġġilhom qalbhom bl-imħabba tiegħu. Kemm huma meħtieġa vokazzjonijiet bħal dawn jekk irridu li l-Art Imqaddsa tibqa' titħares minn dawk l-għassiesa qalbiena li sa minn żmien San Franġisk qatt naqsu li jindukrawha.

P. MIKIEL CATANIA, o.f.m.